MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Numru. 45/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**DUNCAN PETER MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Duncan Peter Mizzi ta’ 34 sena, bin Carmel u Dolores nee’ Vassallo, mwieled nhar is- 7 ta’ Marzu 1975, residenti 2, Sqaq Numru 1, Vjal l- Indipendenza, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 168075(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) Nhar il- 25 ta' Ottubru 2009 ghall- habta tal-5.30pm fil- Mosta Malta, hu volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe fuq il- vettura ta' ghamla Mini Cooper bin- numru tar-registrazzjoni GBH- 357 liema hsara, li saret ghad- dannu ta' Daniela Mizzi u jew persuni ohra, hija ta' aktar minn €1164.69;

2) Talli wkoll fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioe lil martu Daniela Mizzi, bizgha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha jew kontra l- persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- Artikolu 222(1);

3) Talli wkoll fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hu gab ruhu b' mod li ta fastidju lil martu Daniela Mizzi, u jew gab ruhu b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li dak kien ta' fastidju ghal martu Daniela Mizzi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-25 ta' Ottubru, 2009, l-imputat u l-mara tieghu kellhom argument barra d-dar matrimonjali taghhom. Fil-fatt dak iz-zmien kienu ghadhom kemm bdew il-proceduri ghas-separazzjoni bejniethom. Il-mara tal-imputat, Daniela

Mizzi, ma kienetx qeghdha tghix fid-dar matrimonjali, u l-imputat kien cemplilha u staqsiha biex jiltaqghu u jitkellmu ftit. Ghalhekk hi kienet marret id-dar flimkien ma’ habiba taghha jisimha Nicole Farrugia, u wara ftit tal-hin, meta sar xi diskors bejniethom, bdiet tigbor xi affarjiet personali taghha u telqet minn hemm. Qam dan l-argument bejniethom u gara li l-imputat tab is-sieq lill-vettura tal-mara tieghu u kisser il-mirja taghha. Din il-vettura tat-tip Mini Cooper iggib in-numru ta’ registrazzjoni GBH 357, u hi registrata fuq isem Daniela Cauchi, mart l-imputat, u kienet inxtrat waqt iz-zwieg. Daniela Mizzi ghalhekk ghamlet rapport lill-Pulizija u nbdew dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat.

Mill-provi prodotti jirrisulta li dakinhar, effettivament qam argument bejn l-imputat u martu, u hu wettaq hsara volontarja fuq il-vettura kif indikat. F’dan ir-rigward xehedu kemm Daniela Mizzi kif ukoll Nicole Farrugia, u t-tnejn ikkonfermaw li l-imputat kien kisser il-mirja tal-vettura in kwistjoni. Dan hu ukoll ammess mill-istess imputat fix-xhieda tieghu *viva voce* quddiem din il-Qorti, kif ukoll mar-rapport tal-Pulizija mehud ftit hin wara l-incident. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ hsara volontarja, din tirrisulta ampjament ippruvata. Ghal xejn tipprova d-difiza targumenta li din l-imputazzjoni ma tistax tirrisulta. Is-sottomissjoni maghmula kienet li ladarba l-vettura nxtrat waqt iz-zwieg, hija proprjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk l-imputat jista’ jkisser u jaghmel li jrid minnha bil-liberta’ kollha, ghax hi ukoll proprjeta’ tieghu. Dan l-argument assolutament ma jregix. Anke jekk wiehed jinsa l-fatt ghal mument li l-vettura hi registrata fuq isem il-mara, ladarba din tifforma parti mill-komunjoni, l-ebda parti ma tista tiddisponi minn hwejjeg li m’humiex esklussivament taghha minghajr il-kunsens tan-naha l-ohra. Bl-istess mod, ebda parti ma tista’ tkisser proprjeta’ li hi kemm taghha kif ukoll ta’ haddiehor. Ma jista’ qatt iregi ebda argument li persuna ghandha d-dritt u s-setgha taghmel hsara fi proprjeta’ meta din ghandha sehem indiviz mill-istess proprjeta’. Ghalhekk din l-imputazzjoni hi ampjament ippruvata ghal din il-Qorti, u flimkien ma’ dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija u ghotja tal-piena relattiva,

ser ikun hemm ukoll ordni ghall-hlas tad-danni kkagunati mill-imputat.

Flimkien mal-imputazzjoni ta' hsara volontarja hemm ukoll zewg imputazzjonijiet ta' fastidju u ta' biza' li tintuza vjolenza. Dawn iz-zewg reati relattivament godda ghal-ligi taghna illum gew ittrattati fid-dettall f' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fosthom **"Pul. V. A. Caruana Carabez"**, deciza 21 ta' Gunju, 2007, **"Pul. V. Fabio Psaila"**, deciza 12 ta' Marzu, 2009, u **"Pul. V. Massimo Tivisini"**, deciza 27 ta' Frar, 2009. Mill-provi prodotti din il-Qorti hi tal-fehma li, filwaqt li tirrisulta l-imputazzjoni tal-biza li tintuza vjolenza, dik tal-fastidju ma tirrisultax ippruvata. Il-Qorti fehmet li dan kien incident ta' darba, u ma kienx hemm incidenti ohra bhalu, u ghalhekk ir-reat tal-fastidju ma jistax jissussisti. Barra minn hekk, ghalkemm ma hemm ebda tifsira ta' fastidju f' termini legali fil-ligi taghna, fit-test ingliz hu ekwiparat ma' "harassment", jigifieri mgieba ta' persuna issus wara persuna ohra ghal certu zmien, b'tant insistenza u frekwenza li tnissel apprensjoni u fastidju f'dik il-persuna. L-elementi ta' dan ir-reat kienu ghal kollox nieqsa f'dan il-kaz, ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tieghu. Ma giex ippruvat li kien hemm dak li jissejjah "a system of conduct" mill-imputat fil-konfront tal-mara tieghu fuq medda ta' zmien. Ghalhekk l-imputat ser jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputazzjoni l-ohra, izda. Ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' biza' li tintuza vjolenza, bl-istess imgieba tal-imputat din tirrisulta wkoll ippruvata. Jekk waqt argument hu kien hafif bizzejjed biex ta bis-sieq il-vettura u kisser zewg mirja, hu wera bic-car li hu propens juza vjolenza meta jirrabja, u hi proprju din l-imgieba li tista' twassal biex titnissel biza' f'dak li jkun li ha tintuza vjolenza kontra proprjeta' jew kontra persuna. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat huwa hati ta' dan ir-reat ukoll.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti bl-ebda mod ma tixtieq timminimizza dan l-incident, izda fil-verita' il-kaz ma kienx wiehed ta' portata jew ta' gravita'. Il-Qorti rat illi l-

imputat kien ammetta l-ghemil zbaljat tieghu mal-Pulizija, u l-incident kollu kien aktar frott ta’ frustrazzjoni gejja minn separazzjoni miz-zwieg milli minn imgieba tipika tal-imputat, li f’ghajnejn il-Qorti ma jidherx li hu xi persuna irragjonevoli jew irresponsabbli, kif fil-fatt tixhed il-fedina penali netta tieghu. Ma jidherx li hemm il-htiega ta’ sanzjoni li tirrestringi l-liberta’ personali tal-imputat b’sentenza ta’ prigunerija, kemm effettiva kif ukoll sospiza. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika disposizzjoni tal-Kap 446 minflok piena, biex isservi ta’ taghlima lill-imputat. Flimkien ma’ din is-sanzjoni fil-komunita’ ser ikun hemm ukoll, kif gia’ intqal aktar ‘il fuq, Ordni ghall-hlas ta’ danni kkagunati minnu. F’dan ir-rigward, ghalkemm l-imputat stess xehed u qal li hu kien gia’ ghamel tajjeb ghal din il-hsara billi effettwa pagament ta’ tlitt elef Ewro f’ kont tal-kumpanija kummercjali tal-mara tieghu, bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax taccetta din id-dikjarazzjoni bhala riparazzjoni. Ma giex ippruvat li dak il-hlas kien sar biex tithallas il-hsara fil-vettura. Ghalhekk il-Qorti qed tiskarta dik l-ipotesi u sejra taghmel Ordni ta’ hlas ta’ danni ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati tal- ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ elf ewro (€1,000) lil Daniela Mizzi ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Ma ssibux hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------